Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2006

Rikors Numru. 51/2006/1

Rikors Nru: 51/2006

Maria Pace

vs

Emanuel Agius

Il-Bord,

Ra r-rikors tar-rikorrenti pprezentat fit-30 ta' Gunju, 2006 fejn esponiet:

Illi l-esponenti tikri lill-intimat il-fond numru 138, Triq il-Marsa, Marsa, versu l-kera ta' mitt lira Maltija (Lm100.00) fis-sena, liema kera tithallas kukll sitt xhur bil-quddiem u l-iskadenza li tmiss taghlaq fl-24 ta' Lulju, 2006.

Illi l-intimat naqas milli jhallas puntwalment il-kera ta' l-iskadenzi ta' l-24 ta' Jannar 2005 u l-24 ta' Lulju 2005, u

dan minkejja li huwa gie debitament interpellat ihallas permezz ta’ ittra ufficjali ta’ l-20 ta’ Settembru 2005 illi giet lilu notifikata fis-27 ta’ Settembru 2005, skond kopja ufficjali taghha hawn annessa bhala Dok ‘A’.

Illi l-intimat naqas milli jhallas puntwalment il-kera tal-iskadenza ta’ l-24 ta’ Jannar 2006, minkejja li hu gie debitament interpellat ihallas permezz ta’ ittra ufficjali tas-6 ta’ Marzu 2006, illi giet lilu notifikata fid-9 ta’ Marzu, 2006, skond kopja ufficjali taghha hawn annessa bhala Dok ‘B’.

Illi in oltre u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-intimat kiser diversi kundizzjonijiet tal-kera, b’dan illi huwa naqas milli jzomm il-fond in kwistjoni fi stat tajjeb.

Illi ulterjorment l-intimat biddel id-destinazzjoni tal-fond billi mhux qed jaghmel uzu mill-fond lilu mikri, u ulterjorment qieghed ihalli lil haddiehor jokkupa l-fond, u dan kif jista’ jigi ppruvat ahjar fl-andament ta’ dan ir-rikors.

Ghaldaqstant, a tenur tal-Artikoli 8 u 9 (a)(i) tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-esponenti titlob bir-rispett illi dan il-Bord joghgbu jawtorizzaha tirriprendi l-pussess tal-fond 138, Triq il-Marsa, Marsa u konsegwentement tordna l-izgumbrament ta’ l-intimat minn dan il-fond fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss taht dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni.

Ra li l-intimat debitament notifikat la ressaq twegiba u lanqas deher ghas-seduta ta’ llum.

Semgha x-xhieda bil-gurament u ra d-dokumenti esebiti. Ra l-artikolu 30 tal-Kap 69.

Jilqa’ t-talba tar-rikorrenti u jawtorizzaha terga’ tiehu f’idejha l-fond 138, Triq il-Marsa, Marsa; ghall-ghan ta’ tkeccija jaghti tlett (3) xhur zmien millum; l-ispejjez jithallsu mill-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------